MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-25 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 577/2002/1

**Malta Information Technology and Training Services Limited**

**vs**

**Joseph Casha**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fl-20 ta' Mejju, 2002, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet illi:

Permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Lulju, 1993, hawn anness bhala Dok. A, il-konvenut Joseph Casha kien gie impjegat mis-socjeta' attrici ghall-perjodu ta' 3 snin bhala *Client Representative (Trainee)*; u

Permezz ta' *"binding contract"* datat 1 ta' Novembru, 1995, hawn anness bhala Dok. B, is-socjeta' attrici kienet accettat li tisponsorja lill-konvenut *"full time course"* fl-Universita' ta' Malta li kellu jwassal ghal *Degree* f'*B.Sc. Business and Computing*, bil-kundizzjonijiet cari li l-konvenut kien obbligat li jahdem mas-socjeta' attrici ghal *"binding period"* ta' tlett snin minn meta jispicca l-istudju tieghu u jekk jittermina l-impieg tieghu qabel ma jiskadi l-*"binding period"* hu kien obbliga ruhu li jhallas lura lis-socjeta' attrici proporzjon tal-*binding period* li ma nhadimx, fost kondizzjonijiet ohra; u

Il-konvenut spicca l-istudji tieghu fl-1 ta' Lulju, 1998 u ghalhekk il-*binding period* imsemmi kien jiskadi fl-1 ta' Lulju, 2001; u

Fl-14 ta' Settembru, 1998, il-konvenut inghata *promotion* u gie appuntat bhala *Account Executive Designate*, b'kuntratt gdid li jgib l-istess data, hawn anness bhala Dok. C; u

Permezz ta' ittra datata 4 ta' Settembru, 2000, hawn annessa bhala Dok. D, il-konvenut ittermina l-impieg tieghu minn mas-socjeta' attrici, b'effett mid-29 ta' Settembru, 2000, *cioe'* disa' xhur qabel ma skada l-*binding period* tieghu u ghalhekk *ai termini* tal-*"binding contract"* (Dok. B), klawsola 05, il-konvenut kellu jhallas lura lis-socjeta' attrici *"a proportion of the binding period not worked"*; u

Tali somma li kellha tigi rifuza kienet tammonta ghall-Lm3,200; u

Fl-1 ta' Novembru, 2000, permezz ta' ittra hawn annessa bhala Dok. E, is-socjeta' attrici talbet lill-konvenut, *ai termini* tal-artikolu 05 tal-*"binding contract"* (Dok. B) li jhallas is-somma minnu dovuta ta' Lm3,200; u

Fil-25 ta' Novembru, 2000, permezz ta' ittra hawn annessa bhala Dok. F. il-konvenut qal li t-talba tas-socjeta' attrici kienet dibattibli peress illi, fil-kuntratt iffirmat fl-14 ta' Settembru, 1998 kien hemm klawzola numerata

2.01 li taqra: *"The Contract including Schedule "A" constitutes the entire Contract between the parties. There are no other agreements, contracts, understandings, representations or warranties either collateral, oral or otherwise"*; u

Kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza, dil-klawsola 2.01 fil-kuntratt datat 14 ta' Settembru, 1998 (Dok. C) giet inserita bi zball *da parti* tas-socjeta' attrici, li qatt ma kien l-intenzjoni taghha li tannulla jew b'xi mod tvarja l-effett tal-*"binding contract"* iffirmat mal-konvenut fl-1 ta' Novembru, 1995; u

Is-socjeta' attrici skopriet l-izball taghha meta giet mgharrfa mill-istess konvenut; u

Il-konvenut qieghed jittenta japprofitta ruhu min tali zball u naqas li jhallas is-somma ta' Lm3,200 minnu dovuta, ghalkemm debitament interpellat.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-kunsens tas-socjeta' attrici kien vizzjat bi zball meta hija ffirmat il-kuntratt tal-14 ta' Settembru, 1998 mal-konvenut, liema kuntratt jikkontjeni fih il-klawsola 2.01 li taqra *'This Contract including Schedule "A" constitutes the entire Contract between the parties. There are no other agreements, contacts, understandings, representations or warranties either collateral, oral or otherwise"*.

2. Prevja tali dikjarazzjoni tirrexxindi l-klawsola 2.01 fil-kuntratt datat 14 ta' Settembru, 1998;

3. Tiddikjara li l-konvenut naqas li jahdem il-*"binding period"* kollu kif miftiehem fil-*"binding contract"* datat 1 ta' Novembru, 1995 u li *per konsegwenza*, gie fis-sehh il-kontenut tal-artikolu 05 tal-*"binding contract"* datat 1 ta' Novembru, 1995;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3,200.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 23 ta' April, 2002 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra ufficcjali, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li *in forza* taghha eccepixxa illi:

1. L-azzjoni kif intavolata mis-socjeta' attrici mhijiex proponibbli *stante* li ma tistax tintalab rexissjoni ta' klawsola wahda, imma *se mai*, l-izball reklamat, kieku kellu jkun fondat, kien iwassal ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta' l-14 ta' Settembru, 1998 fl-intier tieghu.

2. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ewwel talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-inkluzjoni tal-klawsola 2.01 fil-kuntratt ta' l-14 ta' Settembru, 1998 *da parti* tas-socjeta' attrici giet maghmula xjentement u deliberatament; u fi kwalunkwe kaz jekk jinstab illi mhux deliberatament, dan gara unikament minhabba n-negligenza tas-socjeta' attrici illi kienet hija stess illi stilat il-kuntratt. *Inoltre* l-allegat zball lanqas ma huwa wiehed determinanti kif titlob il-ligi f'kaz ta' zball.

3. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ghaldaqstant l-effetti kollha li seta' kellu fil-ligi il-*binding contract* datat l-1 ta' Novembru, 1995 gew kompletament imxejjna fl-14 ta' Settembru, 1998, *ovvero* fil-jum illi fih gie iffirmat il-kuntratt illi jgib l-istess data u li jikkontjeni l-klawsola 2.01.

4. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, isegwi ghaldaqstant illi ma hemm l-ebda lok ghar-rexissjoni tal-klawsola 2.01, u ghalhekk it-tieni talba attrici ghandha ukoll tigi michuda.

5. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, jsegwi ukoll *in konsegwenza* tas-sueccepit illi l-konvenut ma baqghax marbut mill-*binding contract* datat l-1 ta' Novembru, 1995, u ghalhekk il-kwistjoni dwar jekk hadimx il-*binding period*

skond il-*binding contract* fl-intier tieghu jew le hija ghal kollox irrilevanti, u ghaldaqstant it-tielet talba attrici ghandha ukoll tigi michuda.

6. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ghalhekk isegwi ukoll illi lanqas ir-raba’ talba attrici ma ghandha ebda fondament la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

7. Minghajr pregudizzju ghall-eccezjonijiet suesposti, il-konvenut hadem ukoll mas-socjeta’ attrici ghat-tlett xhur shah tas-sajf kemm fl-1996 kif ukoll fl-1997 haga illi ma kenitx ikkontemplata fl-ebda kuntratt vigenti dak iz-zmien, u ghalhekk fi kwalunkwe kaz l-ammont dovut, tenut kont tas-sottrazzjoni ta’ dawn is-sitt xhur mid-disa’ xhur allegatament dovuti, ikun dak ta’ elf Lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm100.66), u mhux kif allegat fic-citazzjoni odjerna.

8. Fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti, l-ammont illi jikkorrispondi ma’ disa’ xhur mhux mahduma jkun dak ta’ tlett elef u zewg liri Maltin (Lm3,002), kif *del resto* jidher minn Dok. E. diga’ ipprezentat mis-socjeta’ attrici, kif ukoll mill-ittra ufficcjali ipprezentata mis-socjeta’ attrici u illi qeghda tigi hawnhekk annessa bhala *“Dok JC 1”*, u mhux ta’ tlett elef u mitejn Lira Maltin (Lm3,200.00) kif taghti x’tifhem is-socjeta’ attrici fic-citazzjoni odjerna.

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li rriduciet it-talba kontenuta fl-ahhar talba taghha ghas-somma ta’ Lm3,002;

Rat il-verbal registrat mill-konvenut fl-udjenza tal-11 ta’ Dicembru, 2003, li *in forza* taghha irrinunzja ghat-tmien eccezzjoni tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri sollevata mill-konvenut li *in forza* taghha eccepixxa illi:

Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet diga' intavolati, l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* tas-subartikolu 1222(1) tal-Kap. XVI.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti, fil-qosor, li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti. Il-konvenut dahal jahdem mas-socjeta' attrici b'kuntratt ta' impieg ghal zmien definit iffirmat fl-20 ta' Lulju, 1993. Huwa dahal bhala *"Client Representative (Trainee)"*, u l-kuntratt kien ghal zmien tlett snin mill-1 ta' Lulju, 1993. Fil-kors tal-impieg tieghu, il-konvenut inghata l-fakolta' li jaghmel *full-time course* fl-Universita' ta' Malta li kellu jwassal ghad-*degree* ta' *B.Sc. Business and Computing*. Bejn il-partijiet gie iffirmat ftehim (imsejjah *"Binding Contract"*) datat l-1 ta' Novembru, 1995. F'dan il-kuntratt gie patwit li l-konvenut, meta jittermina l-kors ta' studju, kellu *"to serve the company for a binding period of three years which shall run from the termination date of the course of studies"*. Gie miftiehem ukoll li l-konvenut kellu obbligu *"to reimburse the company for the total salary paid during the programme at University should I terminate my contract prior to the termination date of the course of studies or upon failure or discontinuation of the full course of studies provided that the company finds there is no reasonable cause for such failure or discontinuation"*, u wkoll *"that should I terminate my contract during the binding period I reimburse the company a proportion of the binding period not worked".*

Hemm qbil li l-konvenut ittermina l-kors ta’ studju b’success fit-30 ta’ Gunju, 1998, b’mod li, bis-sahha tal-ahhar ftehim, il-konvenut kien obbligat li jahdem mal-kumpanija attrici ghal tlett snin mill-1 ta’ Lulju, 1998.

Ftit wara li l-konvenut beda jahdem dan il-perjodu, dahal fi ftehim gdid ta’ impieg mas-socjeta’ attrici. Dan il-ftehim huwa intestat *“Contract of Service”* u hu datat l-14 ta’ Settembru, 1998. Dan il-kuntratt kien ghal zmien indefinit, u l-konenut inghata impieg ta’ *“Account Executive Designate”*. F’dan il-kuntratt hemm klawsola, bin-numru 2.01, li tghid hekk:

*“This contract including Schedule ‘A’ constitutes the entire Contract between the parties. There are no other agreements, contracts, understandings, representations or warranties either collateral, oral or otherwise”*.

Fl-4 ta’ Settembru, 2000, il-konvenut ittermina l-impieg tieghu mas-socjeta’ attrici. Huwa ta’ l-*four week notice* li kien obbligat li jaghti bil-ligi (peress li l-impieg tieghu kien ghal zmien indefinit), u b’hekk informa lill-kumpanija li l-ahhar gurnata tal-impieg tieghu mas-socjeta’ attrici kellha tkun id-29 ta’ Settembru, 2000. Fil-fatt, dik kienet l-ahhar gurnata li l-konvenut hadem ghas-socjeta’ attrici.

Fl-1 ta’ Novembru, 2000, is-socjeta’ attrici kitbet lill-konvenut u wara li rriferiet ghall-*“Binding Contract”* tal-1 ta’ Novembru, 1995, u peress li l-konvenut kien ittermina l-impieg tieghu disa’ xhur qabel iz-zmien ta’ 3 snin patwit f’dak il-kuntratt, gie mitlub jirrifondi lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm3,002 *“which covers the remaining nine-month binding period not worked”*.

Ghal din l-ittra, l-konvenut wiegeb b’ittra tal-25 ta’ Novembru, 2000, fejn ghamel referenza ghal u irripproduca l-klawsola 2.01 tal-kuntratt tal-14 ta’ Settembru, 1998, u spjega li *“in the light of the above, the alleged sum which is claimed to be owed to MITTS Ltd, is debatable”*. Wara dan, is-socjeta’ attrici interpellat ufficcjalment lill-konvenut biex ihallas l-imsemmija somma, u dana b’ittra ufficcjali tat-23 ta’ April, 2002, u wara li l-

konvenut irrispinga l-pretenzjoni attrici b'ittra tal-legali tieghu tat-3 ta' Mejju, 2002, is-socjeta' attrici fethet dawn il-proceduri, li fihom qed titlob it-thassir tal-indikata klawsola 2.01 tal-kuntratt tal-14 ta' Settembru, 1998, peress li l-kunsens tas-socjeta' attrici ghal dik il-klawsola *"kien vizzjat bi zball"*, u konsegwentement, li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3,002 *a tenur* tal-kuntratt tal-1 ta' Novembru, 1995.

Il-konvenut iddefenda ruhu billi allega, fil-qosor, li azzjoni biex tigi rexiss klawsola wahda f'kuntratt mhux proponibbli, u li, f'kull kaz, ma kienx hemm vizzju tal-kunsens meta gie iffirmat il-kuntratt tal-14 ta' Settembru, 1998, u *kwindi* l-kuntratt kollu ghandu jitqies validu, u minhabba t-termini tal-klawsola 2.01, dak il-kuntratt ghandu jitqies li ssupera t-termini tal-*"binding contract"* tal-1 ta' Novembru, 1995. Sussidjarjament, il-konvenut jeccepixxi wkoll li waqt li kien qed jaghmel il-kors ta' studju gewwa l-Universita' ta' Malta, huwa hadem mas-socjeta' attrici ghat-tlett xhur tas-sajf kemm fl-1996 kif ukoll fl-1997, u peress li ma kienx obbligat li jaghti dak is-servizz, dan il-perjodu ta' sitt xhur ghandu, *se mai*, jonqos mill-perjodu ta' disa' xhur li qed jigi allegat li hu ma hadimx.

Ghar-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, jinghad li l-artikolu 976(1) tal-Kodici Civili, li jikontempla t-thassir ta' kuntratt minhabba zball ta' fatt (l-izball allegat mis-socjeta' attrici), jiddisponi li dan l-izball, meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim, iwassal ghan-nullita *"tal-kuntratt"*, u ma jghidx li tali vizzju jista' jwassal ghat-thassir ta' xi klawsola jew kundizzjoni fil-kuntratt. Li, *pero'*, hu possibbli li tintalab ir-rexxessjoni ta' parti biss minn kuntratt, jista' jigi dezunt mill-artikolu 1211(1) tal-Kodici Civili li jghid li *"jekk att ikun fih zewg taqsimiet jew izjed li ma jkollhomx x'jaqsmu wahda ma' l-ohra, tista' tintalab ir-rexxissjoni ta' wahda biss minn dawk it-taqsimiet"*. Is-sub artikolu (2) tal-istess artikolu jghid li jekk it-taqsimiet ta' l-att ikollhom b'xi mod x'jaqsmu bejniethom, u l-attur jitlob ir-rexxissjoni ta' taqsima wahda biss, il-konvenut jista' jitlob ir-rexxissjoni ta' l-att kollu, jew tat-taqsimiet kollha li jkollhom x'jaqsmu bejniethom.

Dan ifisser li parti tista' dejjem titlob it-thassir ta' taqsima ta' att, indipendenti mill-fatt dwar jekk id-diversi taqsimiet tal-att humiex relatati ma' xulxin jew le, b'dan li, f'kaz li t-taqsimiet ikunu relattati, il-parti l-ohra jkollha d-dritt titlob ir-rexxissjoni tal-att kollu.

Issa hu veru li l-artikolu 1211 tal-Kodici Civili jirreferi ghall-*"taqsima"* ta' att u mhux ghal xi klawsola partikolari, *pero'*, kif jispjega l-awtur Gianluca Sicchiero (*"La Clausola Contrattuale"*, CEDAM 2003 pag. 77), wara studju estensiv ta' regola simili fil-kodici civili taljan, *"sembra allora doversi negare il fondamento della distinzione tra parte e clausola del contratto, che non si differenziano in alcun modo dal profilo della disciplina"*.

*Kwindi*, it-talba tas-socjeta' attrici ghat-thassir ta' klawsola partikolari ta' kuntratt, mhux inattendibbli, u ghall-fini tal-artikolu 1211 indikat, dik il-klawsola tista' titqies bhala *"taqsima"* fil-kuntratt li tista' tkun soggetta ghall-iskrutinju tal-Qorti. Il-konvenut, f'din il-kawza, mhux qieghed jinvoka l-applikazzjoni tas-subartikolu (2) tal-artikolu 1211; mhux, qed jallega, fi kliem iehor li l-klawsola *in kwistjoni* hija daqshekk konnessa mal-qbija tal-kuntratt li t-thassir taghha ghandha twassal ghat-thassir tal-kuntratt kollu. *Kwindi*, mhux mehtieg li din il-Qorti indaga r-relazzjoni ta' dik il-klawsola mal-qbija tal-kuntratt. F'dan il-kuntest, jinghad, *pero'*, ghal kull buon fini, illi *"il principio della conservazione del negozio giuridico, nell'ipotesi di nullita' e annullamento parziale di quest'ultimo, e' la regola, mentre l'estensione all'intero negozio degli effetti di tale nullita' parziale costituisce l' eccezione, i cui estremi devono essere provati dalla parte interessata"* – Qorti tal-Kazzazzjoni fl-Italja, nru. 1592, tal-10 ta' Marzu, 1980. Intqal ukoll illi, *"poiche' l'effetto estensivo della nullita' della singola clausola o del singolo patto all'intero contratto ha carattere eccezionale rispetto alla regola della conservazione del contratto, il detto effetto estensivo non puo' essere dichiarato d'ufficio dal giudice, essendo onore della parte, che assume l'estensione della' nullita' a tutto il contratto, con la clausola nulla o del patto nullo, ossia che il contratto non si sarebbe concluso senza quella clausola nulla o quel patto nullo"* – Qorti ta'

Kassazzjoni fl-italia, nru. 91, tal-10 ta' Jannar, 1975. Biex in-nullita' ta' klawsola wahda testendi ghall-kuntratt kollu, irid jigi muri li mqarr parti wahda (u mhux necessarjament it-tnejn) ma kienetx jiffirma l-kuntratt li kieku ma kienetx ghal dik il-klawsola partikolari. Kif intqal f'sentenza ohra tal-Qorti ta' Kassazzjoni fl-Italja, dik bin-numru 932, tas-6 ta' April, 1970, *"In tema di nullita' parziale del contratto, la regola utile per inutile non vitiatur puo' trovare applicazione soltanto se la parte o la clausola del contratto non effetta d'invalidita' persegua un risultato configurabile come distinto ed abbia un'esistenza autonoma e non se la clausola sia in correlazione inscindibile con il resto e funzioni da condicio causam dans o sine qua non, perche', in tal caso, il principio suddetto non si applica e la nullita' parziale investe e travolge tutt'intero il contratto"*.

Issa, fil-kaz *in ezami*, din il-Qorti hija tal-fehma li l-klawsola *in kwistjoni* mhux daqshekk marbuta mal-qbija tal-kuntratt li l-eventwali thassir taghha (jekk tigi milqugha t-talba relattiva), ghandu jwassal ghat-thassir tal-kuntratt kollu. Ebda parti ma qalet li ma kienetx tiffirma l-kuntratt li kieku ma kienetx ghal dik il-klawsola, u l-kuntratt, li kien kuntratt ta' impieg normali, jista' facilment ikollu esistenza indipendenti u minghajr dik il-klawsola. Fil-fatt, wara li nqalghet il-problema b'dan il-kaz, is-socjeta' attrici nehhiet dik il-klawsola mill-kuntratti ta' impieg li kien jehtiegilha tiffirma, u dan ikompli juri li dik il-klawsola mhiex marbuta b'mod insindikabbli mall-qbija tal-kuntratt.

Il-kuntratt *in kwistjoni* kien wiehed ta' vantagg ghall-konvenut, ghax bis-sahha tieghu l-impieg tieghu gie estiz ghal zmien indefinit, inghata promozzjoni u ha zieda fis-salarju tieghu, u dan il-kuntratt kien li rregola r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ghal kwazi sentejn u nofs. *Kwindi*, il-konvenut ha vantagg minn dan il-kuntratt u zgur mhux fl-interess tieghu li l-kuntratt kollu jithassar b'effett retroattiv. La darba s-socjeta' attrici mhux qed titlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt kollu, anke kieku l-fakolta' tal-estensjoni tal-effetti tat-thassir ta' klawsola partikolari ghall-fuq il-kuntratt kollu, kienet falkoltattiva ghall-Qorti, f'dan il-kaz, il-Qorti m'ghandhiex twassal li topera dak l-effett a hsara tal-parti

l-ohra kontraenti. Kif irrimarka l-imsemmi awtur Sicchiero (op. cit. pag. 73), fil-kuntest tal-poter moghti lill-Qrati taljani biex jissostitwixxu klawsoli f'kuntratt, *"Parrebbe allora persuasiva l'idea che se il meccanismo della sostituzione – riduzione delle clausole difformi da quelle imposte sia rivolto alla tutela di un determinato contraente, debba allore concludersi per la relativa inoperativita' quando l'esito si parrebbe invece a suo danno"*.

*Kwindi*, l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut qed tigi respinta.

Il-hames eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut jolqtu kollha l-meritu tal-azzjoni attrici, u *cioe'*, li ma kienx hemm vizzju tal-kunsens fl-iffirmar tal-kuntratt tal-14 ta' Settembru, 1998, u li dak il-kuntratt huwa, allura validu fl-interezza tieghu. Dan il-kuntratt ukoll, fid-dawl ta' dak li tiddisponi l-klawsola 2.01 tieghu, xejjen u gab fix-xejn kull ftehim precedenti li kien sar, inkluz dak iffirmat fl-1 ta' Novembru, 1995. It-talba attrici ghall-hlas ta' kumpens, *kwindi*, qed jigi allegat li hija insostenibbli peress li l-kuntratt li *a bazi* tieghu qed issir it-talba, gie *"revokat"* bi qbil bejn il-partijiet. F'kull kaz, gie ecepit ukoll li l-istanza attrici hija preskritta *a tenur* tal-artikolu 1222(I) tal-Kodici Civili.

Il-principju jinghad li, l-izball fuq is-sostanza, skond il-gurisprudenza lokali, ghandu zewg elementi importanti, u *cioe'*, li l-izball irid ikun determinanti u skuzabbli. L-ewwel element jehtieg prova li l-kontraent li qed jallega l-izball ma kienx jiffirma dak il-kuntratt li kieku irrealizza bl-izball li kien qed jaghmel. L-izball, fi kliem iehor, irid jirriferi ghas-sustanza tal-kontrattazzjoni, liema sustanza trid tkun il-kawza *"wahdanija u ewlenija"* tal-kuntratt (ara "Aquilina vs Borg", deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Marzu, 1997). Inghad ukoll f'kawza ohra illi *"e' necessario stabilire se una qualita' della cosa sia stata tanto essenziale, almeno per uno dei contraenti, che senza di essa egli non avrebbe contratto"* – "Pisani vs Mamo" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Novembru, 1933.

F’dan il-kaz, jista’ jigi koncess li l-izball li waqghet fih is-socjeta’ attrici kien wiehed determinati, ghax kieku hi, waqt l-iffirmar tal-kuntratt tal-14 ta’ Settembru, 1998, hasbet fuq u kkunsidrat l-effetti tal-kuntratt tal-1 ta’ Novembru, 1995, ma kienetx tiffirma l-ahhar kuntratt b’dik il-klawsola li kellha l-effett li thassar dak kollu li sar qabel. Ghas-socjeta’ attrici, l-*“izball”* manifest bl-accettazzjoni ta’ dik il-klawsola *in kwistjoni* kien wiehed determinanti, u daqstant importanti li zgur kien ikollu influenza fuq l-ghoti tal-kunsens taghha.

L-izball, *pero’*, biex ikun accettat bhala bazi ghat-thassir ta’ kuntratt (jew ta’ parti minnu, kif inhu dan il-kaz) *oltre* li jkun determinanti, jrid jirrizulta wkoll li hu skuzzabbli. Kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza gia kwotata, “Pisani vs Mamo”, *“la dottrina da accettarsi nella soggetta materia e’ quella secondo qui l’errore non puo’ addursi quando e’ effetto di grande negligenza, per cui il contraente avrebba potuto accorgersi dell’errore anche con lieve diligenza, perche’, in tal caso, e’ da applicarsi la massima qui sua colpa damnum sit, non videtur damnum sentire”*. Intqal ukoll mill-istess Onorabbli Qorti fil-kawza “Mifsud vs Bonnici”, deciza fl-4 ta’ Gunju, 1910, illi *“e’ mestiere osservare che ogni uomo savio e prudente, prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele esatte dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legga non gli deve ne’ protezione ne’ difesa”*. L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc, fil-kawza “Formosa vs Scicluna”, deciza fil-15 ta’ Frar, 1950, qalet ukoll illi *“ma hux zball skuzabili dak li wiehed jaqa’ fih meta l-fattijiet li ghalihom jirriferixxi dak l-izball kienu facilment accertabili”.* Dan l-element gie ribadit dan l-ahhar fil-kawza “Piscopo vs Filletti”, deciza minn din il-Qorti fis-16 ta’ Gunju, 2003.

Fil-fehma tal-Qorti, l-izball *in kwistjoni* ma jistax jitqies skuzabili. Il-kuntratt tal-14 ta’ Settembru, 1998, gie iffirmat mis-*Chief Executive Officer* tas-socjeta’ attrici u inizjalat ukoll mill-*Human Resources Executive*, Ms. Sandra Sant. Is-socjeta’ attrici zgur li fil-*file* tal-konvenut kellha kopja tal-kuntratt iffirmat fl-1 ta’ Novembru, 1995, u kienet daqstant iehor konsapevoli tad-data meta l-konvenut spicca l-kors ta’ studju fil-Universita’ ta’ Malta, u l-perjodu li suppost

kellu jkompli jahdem maghha. *Nonostante* din il-konsapelavezza accetat li tiffirma kuntratt gdid li fih jinghad espressament li dak il-kuntratt kellu jipprevali fuq kull kuntratt iehor li seta' sar precedentement. Biex wiehed ikompli jargumenta li dak l-izball mhux skuzzabbli, jista' jikkonsidra wkoll li dik il-klawsola partikolari giet introdotta mis-socjeta' attrici stess, u ma kienetx proposta mill-konvenut. Meta kuntratt hu miktub u formulat minn parti wahda, difficcli li jigi accettat li dik l-istess parti akkonsentit ghal xi klawsola f'dak il-kuntratt bi *"zball"*.

L-import ta' dik il-klawsola kien wiehed car. Is-socjeta' attrici introducieta ghal tal-apposta biex teskludi kull arrangament jew ftehim, verbali jew *in scritto*, li jkun sar qabel, u dan ghax riedet li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet tkun regolata b'dak il-kuntratt biss u b'xejn aktar. Il-fatt li dik il-klawsola kienet printjata f'kull kuntratt ta' dik ix-xorta, ma jnaqqas xejn mill-validita' u l-effikaccja taghha (ara "Rizzo vs Dawson", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Mejju, 1953). Huwa daqstant iehor immaterjali jekk is-socjeta' attrici qratx il-kuntratt jew ikkunsidratx l-effetti tieghu qabel ma iffirmatu, ghax kif intqal fil-kawza ingliza "L'Estrange vs Graucob Ltd", (All E.R. Rep. 16, 1934), li ghaliha saret referenza mill-awtur David Yates fil-ktieb *"Exclusion Clauses in Contracts"* (Sweet & Maxwell, 1978 pag. 40) *"where a document containing contractual terms is signed, then, in the absense of fraud or … misrepresentation, the party signing it is bound, and it is wholly immaterial whether he had read the document or not"*. L-izball li ghamlet is-socjeta' attrici kien li iffirmat dak il-kuntratt minghajr ma qieset sew l-effetti tieghu, izda ghal dan l-izball tahti l-istess socjeta' attrici, ghax kien zball li dahlet fih konsegwenza ta' nuqqas taghha stess li tikkonsidra l-effett ta' dak il-kuntratt, u dan meta l-fatti kollha tal-kwistjoni kienu f'idejha u ghad-disposizzjoni taghha. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Frendo vs Chetcuti", deciza fil-15 ta' Jannar, 1952, *"l-imprudenza u l-leggerezza tal-kontraenti mhux raguni ta' annullament tal-kuntratt"*; f'dan il-kaz, is-socjeta' attrici, jekk inkorrit fi zball, ghamlet dan rizultat tal-imprudenza taghha u trid toqghod ghal-konsegwenzi tan-nuqqas taghha.

Fil-kawza "Borg noe vs Grima noe et", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-3 ta' Gunju, 1994, il-konvenut St. John xehed li meta iffirma l-*guarantee form* tal-Bank, hu ma qarax id-dokument u ma kkunsidrax il-portata ta' dak id-dokument; hu qal li haseb li kien qed jiffirma dokument biex ikun jista' johrog *cheques* f'isem kumpanija. Dik l-Onorabbli Qorti ma accettatx li tirrexxindi dak il-ftehim ta' garanzija, ghax *"jekk hu veru li haseb hekk, jibqa' li kien traskurat ghax iffirma minghajr ma qara l-karta jew talab li tigi spjegata lilu"*. Hekk ukoll, jekk is-socjeta' attrici f'din il-kawza ma qiesetx il-portata tal-kuntratt, jew ma talbetx spjega tal-effetti tal-kuntratt, dan ifisser li kienet negligenti u ma jisthoqilhiex il-protezzjoni tal-ligi.

Hekk kif ma hemmx indebitu meta min hallas bi zball kien jaf bic-cirkustanzi veri (ara "Enemalta Corp. vs Sacco", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Dicembru, 2002, fejn intqal ukoll li s-scienza tal-fatti tista' tigi dezunta: *"u ma setax ma jkunx jaf meta l-Korporazzjoni kellha f'idejha r-records kollha tal-impjegati taghha"*), hekk ukoll ma jistax ikun hemm *"zball"* meta dak li jkun kien jaf jew seta' facilmetn ikun jaf bil-fatti tal-kaz.

Din il-Qorti, ghalhekk, ma tistax tilqa' s-sottomissjoni tas-socjeta' attrici dwar l-invalidita' tal-klawsola 2.01 fil-kuntratt tal-14 ta' Settembru, 1998, u tqies li dak il-kuntratt validu fl-interezza tieghu. *Kwindi*, qed tichad l-ewwel u t-tieni talbiet attrici.

Ghar-rigward tal-portata tal-ftehim tal-14 ta' Settembru, 1998, dan huwa car meta jitkellem fuq li dak il-kuntratt ghandu wahdu, jirregola r-relazzjonijiet ta' impieg bejn il-partijiet. Meta l-kuntratt jghid li m'hemmx ftehim jew arrangament iehor bejn il-partijiet, hlief dak il-kuntratt, il-hsieb huwa ovvju, u *cioe'*, li kwalunkwe ftehim li seta' sar qabel, hi x'inhi n-natura tieghu, gie superat b'dak il-kuntratt. Darba l-kliem tal-kuntratt huwa car, u m'hemmx ambigwita', mhux permess elucidazzjonijiet b'xhieda ohra, u dan *in omagg* ghall-principju li *contra testimonium scriptum testimonium non scriptun non fortur* (ara "Brincat

et vs Saliba et", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Novembru, 1983). Ma jirrizultax li l-kuntratt hu simulat (Vol. XXXIII.I.138), jew li hu soggett ghal xi ftehim verbali li jammonta ghall-kondizzjoni li subordinatament ghaliha saret il-konvenzjoni miktuba u li minnha tiddependi l-ezekuzzjoni ta' dik il-konvenzjoni (Vol. XLIV.I.267), jew li hemm xi patt incidentali mhux inkonciljabbli mal-iskritt (Vol. XXIII.I.870), u *kwindi* t-termini tal-kuntratt ghandhom japplikaw skond it-tifsira normali taghhom. *"Is-sens guridiku jiddetta illi l-ftehim bil-miktub ghandu jorbot lill-firmatarji fit-termini stretti tieghu u m'ghandux jigi mibdul jew cirkuwit b'mera assunzjoni soggettiva ta' xi parti fost il-kontraenti"* – "Navarro vs Baldacchino", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Frar, 2003.

Fil-kawza saret riferenza ghall-problema simili li tqajmiet f'kazijiet ohra u li kienet il-meritu ta' sentenzi ohra decizi minn dawn il-Qrati. Din il-Qorti sabet zewg sentenzi fejn is-socjeta' attrici agixxiet ghar-rifusjoni ta' hlas li ghamlet waqt kors ta' studju li segwew impjegati ohra tas-socjeta' attrici; dawn iz-zewg kazi huma *"Malta Information Technology and Training Services Limited vs Darmanin"*, deciza mill-Qorti tal-Magistrati fil-25 ta' Novembru, 2003, u *"Malta Information Technology and Training Services Limited vs Balzan"*, deciza mill-istess Qorti tal-Magistrati fit-3 ta' Dicembru, 2003, u kkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2004. L-ewwel kawza imsemmija ma kienetx giet kontestata u s-sentenza inghatat fuq *"ammissjoni"* tal-konvenut wara li l-kapitolu mressaq mis-socjeta' attrici ma kienx gie kontestat. Fit-tieni kawza imsemmija, it-talba attrici giet milqugha mill-ewwel Qorti fuq bazi ta' arrikiment ingust, bil-Qorti tghid li l-ex impjegat ghandu jkun kkundannat ghar-rifusjoni altrimenti jkun qed jaghmel gwadan ingust a hsara tas-socjeta' attrici. Din il-Qorti, *pero'*, bir-rispett kollu dovut lejn dik il-Qorti, ma tistax taqbel mal-applikazzjoni tal-principju ta' arrikiment ingust ghal dawn ic-cirkustanzi. Mhux biss dak ir-rimedju ma giex invokat mis-socjeta' attrici, izda, kif inhu risaput, ir-rimedju bazat fuq l-azzjoni komunement maghrufa bhala *"de in rem verso"*, ma hijiex applikabbli meta hemm kuntratt li jirregola r-relazzjonijiet tal-partijiet. L-azzjoni *"de in rem*

*verso"* hija azzjoni sussidjarja li tista' tigi invokata biss meta bejn il-partijiet m'hemmx kuntratt li b'mod espress u definit jorbot il-partijiet (ara "Scicluna vs Watson", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Lulju, 1901).

Jekk persuna, minhabba kundizzjonijiet ta' kuntratt li hi accettat volontarjament u bla pressjoni, mhiex intitolata ghal xi dritt, ma tistax tipprova takkwista dak id-dritt bis-sahha ta' dan ir-rimedju sussidjarju. *Inoltre*, irid jirrizulta, kif jinghad fil-kawza "Said vs Testaferrata Bonnici", deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Gunju, 1936, *"il carattere inguisto dell'arricchimento"*, li ma jkunx il-kaz meta dak l-arrikiment ikun rizultat ta' kuntratt li jopera bejn il-partijiet. Kif jghid il-Baudry vs Lacantinerie (*"Delle Obbligazioni"* Vol. IV pag. 550), biex tista' tirnexxi din l-azzjoni, *"Bisogna che l'arricchito non passa giovarsi di un fatto giurdicio che lo autorizzi a conservare l'arricchimento"*. Jekk ghar-rizultanzi hemm att guridiku, kif inhu kuntratt, ma jistax jinghad li dawk ir-rizultanzi huma *senza causa*. Hu interessanti l-ezempju li dan l-awtur igib biex isostni dan l-argument.

*"Un locatario ha fatto fare riparazioni o miglioramenti nell'immobile affittato. Ora, in virtu' di una clausola formale del contratto di fitto, i lavori di questa natura eseguiti per ordine del locatario dovranno, alla fine dell'affitto, avvantaggiare il proprietario, senza che questo abbia a pagare indennita'. Una volta spirato l'affitto, l'imprenditore, non essendo stato pagato dal locatario, pretende agire de in rem verso contro il proprietario. Gli puo' questo opporre il diritto che risulta per lui dalla clausola sopra indicata?*

*La giurisprudenza risolve la questione affermativamente, e crediamo che abbia ragione. Se il proprietario puo', senza indennita', avvantaggiarsi delle riparazioni o dei miglioramenti realizzati dal locatario, questo vantaggio e' stato certamente preso in considerazione nel fissare il prezzo dell'affitto, di guisa che il proprietario l'ha ottenuto soltanto con un sacrifizio equivalente. Cio' si riduce a dire che in realta' non vi e' arricchimento e che quindi manca la prima delle nostre condizione".*

Dan hu konformi mal-principju li darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, hu prezunt li qabel ma iffirmaw dak il-ftehim qiesu c-cirkustanzi tal-kaz u l-interessi taghhom, u allura darba iffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi principju iehor, *ancorche'* bazat fuq l-ekwita'. Il-principju tar-rispett ghall-volonta' tal-partijiet huwa wiehed fondamentali, u dak li ftehmu fuqu il-partijiet ghandu *"forza ta' ligi"* ghalihom (artikolu 992 tal-Kodici Civili), u l-Qorti m'ghandhiex tuza d-diskrezzjoni taghha biex tissostitwixxi ghal dak li ftehmu l-partijiet il-volonta' taghha. F'dan il-kaz il-partijiet, wara li qiesu c-cirkustanzi tal-kaz, iffirmaw il-kuntratt tal-14 ta' Settembru, 1998, bil-kondizzjonijiet elenkati fl-istess kuntratt, u darba ma jirrizulta ebda vizzju ta' kunsens, dak il-kuntratt hu validu u jorbot ghal dak kollu li hemm kontemplat fih.

Hu veru li l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza li s-socjeta' attrici kienet fethet kontra certu Balzan (aktar qabel riferita) dahlet ukoll fl-interpretazzjoni tal-klawsola simili ghal dik meritu ta' din il-kawza u waslet ghall-konkluzzjoni differenti li se tasal ghaliha din il-Qorti, *pero'*, din il-Qorti ma tarax ghalhiex, f'dawk ic-cirkustanzi ghandha *"tiddiskosta ruha, u anke jekk mhux ghal kollox, mill-kontenut litterali biex taghti esplicita konsiderazzjoni lill-intenzjoni"*. Kif intwera, il-principju fundamentali li tirregola l-kuntratti hi li t-termini tieghu, meta jkunu cari, jorbtu lill-partijiet, u dana l-principju gie applikat f'diversi okkazzjonijiet fil-kuntest ta' debitur ta' obbligazzjoni li tirrizulta mill-iskritt. Kull persuna hija responsabbli ghall-ghemil taghha, u meta ftehim jirrizulta car mill-iskritt, mhux lecitu li wiehed imur *oltre* l-kitba biex jipprova jifhem intenzjoni differenti minn dik li tohrog mill-kitba. Fuq kollox, f'dan il-kaz, ma tirrizultax intenzjoni komuni differenti mill-kitba, peress li l-konvenut jiddikjara car li meta hu qara l-kuntratt qabel ma iffirmah, fehem dak li johrog mill-kitba u mhux x'setgha kellu f'mohhu l-parti l-ohra. *Da parti* tal-konvenut ma tirrizulta ebda *"mgieba"* li tiddiskosta s-sens letterarju tal-ftehim. Hu maghruf li intenzjoni mhux manifesta, jew manifestata hazin, ma

torbotx fin-nuqqas ta’ zball fis-sens tal-ligi; gia intwera li dan l-izball ma jirrizultax, u *kwindi* l-partijiet huma marbuta bit-termini tal-kuntratt li t-tnejn iffirmaw ghalih volontarjament.

Dak li s-socjeta’ attrici qieghda tistieden lil din il-Qorti li taghmel hu li tinjora dak li hemm miktub u tfittex x’kienet l-intenzjoni tal-partijiet.

Tabilhaqq, il-Code Napoleon, fl-artiklu 1156 tieghu kien jghid li *“on doit dans les conventions rechercher quelle a ete la commune intention des parties contractantes, plutot que s’arreter au sens litteral des termes”.* Din id-disposizzjoni, li ghandha l-impronta tal-Pothier, giet ikkritikata mil-Laurent (*“Principes de Droit Civil”*, Vol 16, para 502, pagna 580) ghax donnha timplika li l-interpretu ghandu dejjem ifittex x’kienet l-intenzjoni tal-partijiet anke meta s-sens letterali tal-kliem ma jhalli l-ebda dubbju, b’mod li din l-intenzjoni tigi ppreferuta ghall-ittra tal-kuntratt. Dan ma kinitx l-intenzjoni tal-legizlatur. Domat ifformola din l-ewwel regola ta’ interpretazzjoni hafna ahjar: *“si les termes d’une convention paraissent contraires a’ l’intention des contractants, d’ailleurs evidente, il faut suivre cette intention plutot que les termes”* (*“Domat”, Lois Civiles, “livre1*, *titre 1, sect II, art XI p. 23).* Jikkumenta l-Laurent: Qabel kollox, wiehed irid jara jekk it-termini uzati jidhrux kuntrarji ghall-intenzjoni, igifieri jekk ikunx hemm dubbju dwar dak li jkunu riedu l-partijiet. Meta jezisti dan id-dubbju? Meta t-termini tal-kuntratt jaghtu lok ghall-interpretazzjonijiet differenti, imma jekk it-termini jkunu cari, jekk ma jhallu l-ebda dubbju, wiehed irid izomm mal-ittra miktuba, ghaliex, f’dan il-kaz ma jkunx hemm lok ghall-interpretazzjoni. Huwa f’dan is-sens li esprimew ruhhom il-ligijiet Rumani (L.25 4 1, de legat, III (1.XXXII), Demente, t. V., p 112 no 73) u hekk gie miftiehem fid-diskussjonijiet tal-*Conseil d’Etat Francais* (laqgha tal-11 *brumaire au* XI no 55 (*Locre’* t. VI. P 84)). Konkordi wkoll dejjem kienu d-dottrina u l-gurisprudenza, skond l-adagju antik: **cum in verbis nulla ambiguitas est, non est movenda voluntatis quaestio.** Jispjega l-Laurent (op cit pagna 581): *“la raison on est que l’intention des parties s’exprime par les termes don’t elles*

*se servent; quand donc les termes sont claires, l'intention, par cela meme, est certaine; si, dan ce cas, on allait a' la recherche de l'intention clairement manifestee par les parties elles-memes l'intention telle que l'interprete l'etablirait, par des voies plus au moins conjecturales, c'est-a-dire que l'on prefererait a' une intention certaine une intention incertain"*. Domat jghid ukoll li dan ma jfissirx li l-Imhallef ghandu dejjem joqghod ghall-ittra tal-kuntratt: *"quand il est evident que les termes don't les parties se sont servies ne repondent pas a' leur pensee, il faut certainement s'en tenir a' l'esprit de preference a' la lettre"*. L-ewwel Kodici Taljan kien jixbah lill-Code Napoleon. Artiklu 1131 tieghu kien jghid: *"Nel contratti se deve indagare quale sia stata la comune intenzione delle parti contraenti, anziche' stare al senso letterale delle parole"*. Dan l-artiklu huwa riproduzzjoni ta' framment ta' Papinjanu, il-princep tal-guriskonsulti Rumani: **in conventionibus contrahentium voluntatem potius quam verba spectari piacuit (fr. 219, D. de verb. Significatione L 16).** Imma, kif jghid Guido Lomanaco (*"Delle Obbligazioni"*, Vol 1, pagna 250) biex wiehed ma jaqax fi zbalji deplorevoli, wiehed irid jifhem ezattament it-tifsira kemm tal-artiklu 1131 kif ukoll tal-framment ta' Papinjanu:

*"Quando si tratta delle interpretazione della legge, e' indubitato che si deve procedere alla medesima anche quando la legge sia chiara. Ben e' vero che Giustiniano e Napoleone ritennero il contrario; ma il loro avviso non puo' essere seguito. Il precetto del legislatore si deve applicare non solo alle relazioni giuridiche espressamente contemplate, ma eziandio a tutte le altre relazioni giuridiche, che sono alle relazioni giuridiche espressamente contemplate, ma eziandio a tutte le altre relazioni giuridiche, che sono analoghe a quelle di cui il legislatore si e' specialmente occupato. La interpretazione, dice benissimo il Laurent, e' una necessita' permanente, qualunque siano i perfezionamenti della legislazione (V. LAURENT, Principes de droit civil, I, 270). Quando pure il legislatore potesse contemplare espressamente tutte le relazione giuridiche che si sono avverate sino al momento della*

*promulgazione della legge, immediatamente dopo questa promulgazione sorgerebbero delle nuove relazioni. Per applicare la legge esistene a queste relazioni, sorte dopo la promulgazione della legge (ad casus postnatos, qui in rerum natura non fuerunt tempore legis latae, direbbe Bacone), sara' sempre neccessaria l'opera dell'interprete.*

*<u>Invece, in tema d'interpretazione di un contratto, non vi ha luogo ad interpretazione, se non quando i termini del contratto sono oscuri ed ambigui.</u> Soltanto allora l'autorita' giudiziaria ha il diritto, e nel medesimo tempo il dovere, di far prevalere la intenzione comune delle parti al senso letterale delle parole, quando queste parole offrono dell'oscurita', dell'ambiguita'. – Troviamo in proposito nelle fonti due frammenti, dove e' stabilito questo principio: "In ambiguis orationibus. – Quod factum est, cum in obscuro sit, ex affectione cuiusque capit interpretationem (Fr. 96, D. de regulis juris, L. 17. – Fr. 168, D. Ibidem).*

*Noteremo col Demolombe, che sarebbe un abuso ferace di conseguenze tristissime, il sostituire un'interpretazione piu' o meno divinatoria al senso netto e preciso che presentano i termini stessi del contratto (V. DEMOLOMBE, XXV, 4). Diceva il giureconsulto Marcello: "Non aliter a significatione verborum recedi oportet, quam cum manifestum est aliud sensisse testatorem" (Fr. 69, pr. D. de legatis, III, XXXII). Questo principio enunciato dal giureconsulto romano in tema di testamenti, riceve senza dubbio la sua applicazione anche in tema di contratti. Come non e' lecita la inosservanza dei supremi voleri del morente, cosi' non deve esser lecito di contrastare la volonta' chiaramente espressa dalle parti contraenti.*

*E, quando si da' uno sguardo ai lavori preparatori del Codice francese, si legge una dichiarazione fatta in proposito dal Bigot-Preameneu, nel Consiglio di Stato. Rispondendo alle osservazioni del Defermon, egli disse che la regola, doversi indagare la comune intenzione delle parti anziche' stare al senso letterale delle parole, era stabilita per caso ou' les termes expriment mal l'intention des parties (V. TOULLIER, Ibidem)".*

Il-ligi taghna hija espressa b'mod iktar preciz u iktar konformi mal-hsieb tal-legizlatur u ma dak li gie stabbilit kostantement mid-dottrina u l-gurisprudenza: Hekk artiklu 1002 ta' Kap 16 jistipula li **meta l-kliem ta' konvenzjoni … hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni.** Imbaghad artiklu 1003 jghid li **meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha, <u>kif ikun jidher car mill-pattijiet mehudin kollha flimkien</u>, ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partijiet.** Ghalhekk hija konsentita l-interpretazzjoni biss jekk <u>mill-kumpless tal-kuntratt innifsu</u> ikun jidher ovvju li l-partijiet ma jkunux riedu tabilhaqq ifissru dak li kitbu. Imma, min-naha l-ohra, *"meta l-kontraenti jkunu taw espressjoni bil-kitba tal-volonta' taghhom l-ebda ingerenza ma hi tollerabbli biex timla l-lacuna ta' dak li wiehed mill-kontraenti seta kellu **in forma mentis** izda li b'danakollu ma gietx ukoll hekk minnu espressa"*: ara "<u>Paul Camilleri et vs Joseph Glenville et noe et</u>", decisa minn din il-Qorti (per Imhallef Philip Sciberras) fit-28 ta' April, 2003. Meta l-kliem ta' konvenzjoni huma cari, u ma jhallu ebda lok ta' interpretazzjoni dwar it-tifsira taghhom (kif inhu f'dan il-kaz), allura t-tifsira ghandha biss tittiehed mill-att stess, u mhux minn provi estraneji.

Apparti dan kollu, il-Qorti taqbel wkoll li l-azjoni attrici, intiza ghar-rexissjoni tal-kuntratt, hi preskritta *a tenur* tal-artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili, li jipprovdi s-segwenti:

*"1222. (1) Meta l-ligi f'xi kaz partikolari ma tistabbilixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' eta', taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn".*

Is-socjeta' attrici qed tinvoka l-artikolu 1223, u tghid li z-zmien ta' preskrizzjoni jibda' jghaddi *"minn dak in-nhar li jinkixef id-difett"*, u, skond hi, d-difett inkixef f'Novembru tal-2000 meta l-konvenut, ghall-ewwel darba, ghamlel riferenza ghall-klawsola *in kwistjoni*. Il-Qorti ma taccettax din is-sottomissjoni tas-socjeta' attrici. Kienet hi stess li dahlet dik il-klawsola fil-kuntratt; kienet hi li ddraftjata u kienet hi li dahlita fl-*standard form contracts* li tuza ghall-

impjegati taghha. Jekk is-socjeta’ attrici kienet hi li fformulat dik il-klawsola, kienet zgur tifhem u trid l-implikazzjonijiet li johorgu minn dik il-klawsola, u mhux verosimili li persuna li tinsisti fuq u tiddraftja klawsola partikolari f’kuntratt ma apprezattx it-tifsira ta’ dik il-klawsola. *Kwindi*, it-terminu ta’ sentejn preskritt f’dan il-kaz, idekkorra qabel ma infethet din il-kawza (fil-fatt, il-kuntratt sar fl-14 ta’ Settembru, 1998, u din il-kawza infethet fl-20 ta’ Mejju, 2002) u l-azzjoni tal-attur ghandha titqies ukoll perenta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi tilqa’ mit-tieni sas-sitt eccezzjoni tal-konvenut, u dik ulterjuri u b’hekk tichad it-talbiet kollha attrici.

L-ispejjes tal-kawza, minhabba n-natura tal-kaz, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------